MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru 323/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**
**Teodor Iulian Mancea**
**Iulian Chermenschi**
**Barbu Costica**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati:

**Teodor Iulian Mancea**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Iulian u Geta, imwieled Galati, Rumanija fl-20 ta' Lulju 1990, indirizz u Karta tal-Identita' mhux maghrufa;

**Iulian Chermenschi**, ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Mircea u Domnica, imwieled Galati, Rumanija fil-25 ta' Lulju 1986, indirizz mhux maghruf u detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena bin-numru GL695709;

u

**Barbu Costica**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Marcel u Mariana, imwieled Galati, Rumanija fid-9 ta' Frar 1982, residenti gewwa 130 Flat 2, Triq San George, San Giljan u detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena bin-numru GL843974

akkuzati talli f' dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda *ai termini* tal-Artikolu 18 tal-Ligiijiet ta' Malta, u cioé:

1. talli fil-21 ta' Marzu 2015 ghall-habta tal-12:15hrs ikkommettew serq ta' diversi fwejjah minn gewwa l-hanut Roseberry, Triq ir-Repubblika, Valletta liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jiswa iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) iżda ma jaqbiżx elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Alkida Rama u/jew persuni ohra;

2. talli fit-13 ta' Marzu 2015 ghall-habta tal-16:25hrs gewwa El Medina Pharmacy, Triq il-Fliegu, San Pawl il-Bahar ikkommettew serq ta' fwieha u oggetti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u dan ghad-detriment ta' Philip Muscat u/jew ta' persuna jew persuni ohra.

<u>**Lil Teodor Iulian Mancea wahdu**</u>:

3. talli fis-17 ta' Marzu 2015 ghall-habta tat-19:45hrs gewwa Ryan's Pub, Triq Wied Ghomor, San Giljan ikkommetta serq ta' *mobile phone* tal-ghamla Nokia Lumia liema serq huwa aggravat bil-hin ghad detriment ta' Luanne Galea u/jew ta' persuna jew persuni ohra,

4. talli matul ix-xahar ta' Marzu 2015 xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti;

5. talli fil-21 ta' Marzu 2015 f'każ ta' rvell jew hemm kbir, jew ta' reat maqbud fil-fatt jew ta' għagħa tan-nies, jirrifjuta, mingħajr raġuni tajba, jagħti l-għajnuna tiegħu, jew jirrifjuta jagħti tagħrif dwar dak li fuqu jiġi mistoqsi, jew jagħti tagħrif jew partikularitajiet foloz, lil min ikun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9 *et seq.*).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kien ghad fadal biss is-somma ta' mitejn u tletin Euro (€230.00) x'tigi mhallsa mill-imputati, liema somma tirraprezenta l-valur tal-oggetti misruqa u li lehqu nbieghu mill-imputati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fedini penali taghhom u kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li kien ghad fadal biss is-somma ta' mitejn u tletin Euro (€230.00) x'tigi mhallsa mill-imputati. Illi l-piena fil-konfront tal-imputat Mancea ser tkun wahda diversa

minn taz-zewg imputati l-ohra *stante* li gew addebitati fil-konfront tieghu aktar imputazzjonijiet miz-zewg imputati l-ohra.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li:

- fir-rigward tal-imputati Iulian Chermenschi u Barbu Costica, rat Artikoli 18, 261(a), 261(c), 262 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib liz-zewg imputati Chermenschi u Costica hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom kull wiehed ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu tlitt (3) snin;

- fir-rigward tal-imputat Teodor Iulian Mancea, rat Artikoli 18, 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 334, u 338(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-imputati biex fi zmien jumejn *in solidum* bejniethom ihallsu lill-parti leza s-somma ta' mitejn u tletin Euro (€ 230.00).

Finalment, il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien li l-perjodu ta' prigunerija gie sospiz jew jekk ma jhallsux l-ammont ta' € 230.00 fiz-zmien lilhom moghti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------